MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-29 ta' Novembru, 1994

Rikors Numru. 102/1994/1

**Rikors Nru: 102/94 B**

***Carmelina Ciantar***

***versus***

***Carmelo Borg Bonaci***

Il-Bord,

Ra r-rikors

1. Peress illi r-rikorrenti tikri lill-intimat il-garage/store numru sebgha (7), Fr. Magri Street, Marsa versu l-kera ta' tmienja u sittin Lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (LM68.43) pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, bl-

iskadenza li jmiss tghalaq fl-ewwel (1) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994);

2. Peress illi l-intimat naqas li jhallas il-kera dovuta minnu ghall-iskadenzi ta’ Dicembru 1993, Marzu 1994, u dan minkejja li gie debitament interpellat biex jersaq ghall-hlas skond il-ligi permezz ta’ tlett ittri ufficjali pprezentati kontrih fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-sebgha (7) ta’ Jannar 1994 (Dokument “A”) b’riferenza ghall-perjodu bejn Ottubru 1993 u Dicembru 1993, fl-erbatax (14) ta’ Marzu 1994 (Dokument “B”) b’riferenza ghall-perjodu bejn Jannar 1994 u Marzu 1994, u fl-ewwel (1) ta’ Gunju 1994 (Dokument “C”) b’riferenza ghall-perjodu bejn April 1994 u Gunju 1994;

3. Peress illi dan in-nuqqas ta’ l-intimat li jhallas il-kera kif fuq inghad jintitola lir-rikorrenti biex titlob ir-ripresa tal-pussess tal-fond fuq imsemmi ai termini ta’ l-Artikolu 9 (a) (i) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob lil dan il-Bord jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-garage/store numru sebgha (7), Fr. Magri Street, Marsa, u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jiffissa ghal dan l-iskop.

5. Bl-ispejjez.

Ra li fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 2001 l-avukat ta’ l-intimat eccepixxa li r-rikorrenti Carmelina Ciantar m’gahdx ghandha titolu fuq il-fond in kwistjoni.

Ra l-atti kollha u d-dokumenti.

Ra l-verbal.

Ra l-atti.

Ikkunsidra,

1. B’sentenza tad-29 ta’ Novembru 1994 (Rikors numru 102B/94) l-intimat ta’ llum gie kkundannat li jizgombra mill-fond ‘de quo’.

2. B'sentenza tas-16 ta' Marzu 2000 il-Bord (diversament presedut) hassar is-sentenza tieghu fuq imsemmija u ordna s-smiegh mill-gdid tar-rikors.

3. Ra li fis-seduta tal-14 ta' Ottubru l-intimat gharraf lill-Bord li l-mertu kien ezawriet u talab sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez.

4. Ra l-atti tac-citazzjoni 215/95. Inghat sentenza bejn il-partijiet ta' llum, wara ammissjoni fit-23 ta' Frar 1995 mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc.

5. Dan ir-rikors hu msejjes fuq il-kawzali ta' nuqqas ta' hlas puntwali tal-kera. Illi fis-seduta tat-8 ta' jannar inghatat l-eccezzjoni fuq imsemmija u gie esebit kuntratt tat-8 ta' Jannar 1951. Il-Bord, kif inghatat l-eccezzjoni, jifhem li l-intimat qed jghid li darba r-rikorrenti kellha titolu fuq il-post u llum m'ghadx ghandha. Gie esebit kuntratt tat-8 ta' Jannar 1951 fejn certa Marie Stella Desira bieghet u ittrasferiet lil Calcedonio Ciantar "l-utile dominju temporaneu ghal cirka hamsin sena ohra" ta' art fabbrikabbli l-Hamrun. L-intimat qed jghid li l-utile dominju skada u r-rikorrenti m'ghandhiex x'taqsam izjed mal-fond. Meta bdew il-proceduri ta' dan ir-rikors – 21 ta' Jannar 1994, ir-rikorrenti kienet l-utilista'. L-ewwel sentenza inghatat fid-29 ta' Novembru 1994 u giet imhassra fis-16 ta' Marzu 2000. F'xi zmien waqt il-proceduri, wara dik is-sentenza, il-fond ma baqax f'idejn ir-rikorrenti. Suppost dahal xi hadd iehor biex jissokota l-kawza meta giet riappuntata ghad-9 ta' Jannar 2001 mill-Bord (kif presedut) sakemm ir-rikorrenti ma kienitx ghamlet xi kuntratt iehor. Saru l-interpellazzjonijiet mitluba mill-ligi, l-intimat inghata z-zmien biex ihallas u bla pregjudizzju thallas xi kera.

6. Imhabba d-dewmien fil-kawza gara li gara. Fl-istess hin ir-rikorrenti qalet fwiedha tittallab il-hlas ta' kera.

Billi kollox gie kif gie l-Bord jiddeciedi li wiehed minn hamsa (1/5) ta' l-spejjez jithallsu mir-rikorrenti, l-bqija, erbgha minn hamsa (4/5) jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------